**13 ta' Marzu, 1964**
**Imħallfin:**
**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Onorevoli Dottor Anton Buttigieg. M.L.A

versus

Onorevoli Dottor Paul Borg Olivier, ne et.

*F-każijiet li fihom kienu nvoluti kwistjonijiet ġodda ta' interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni il-Qorti ta' l-Appell aktarx ħassitha inklinata li tagħti il permess għall-appell. F'dan il każ kienu ġew deċiżi kwistjonijiet ta' dritt li għall-importanza tagħhom jittraxxendu l-meritu intrinsiku tal-kontroversja.*

**Appell lill Privy Council — Art. 13 u 14, 16 (1) u (2) Tal-Malta (Constitution) Order in Council, 1961 — Sec. 2(b) u 4 tal-Order in Council tat-22 ta' Novembru, 1909. — Art. 908. Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili**

Il-Qorti:— Rat ir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija preżentat fl-erbgħa (4) ta' Mejju, 1962 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih ir-rikorrent, Dottor Anton Buttigieg M.L.A., wara li ppremetta li l-intimati nomine kienu ħarġu ċirkolari li fost ħwejjeġ oħra pprojbit id-dħul fl-isptarijiet u fit-taqsimijiet tad-Dipartiment tagħhom tal-gazzetti li huma kkundannati mill-awtoritajiet ekklesjastiċi u li din l-ordni kienet intiża biex tipprojbixxi lill-pazjenti u lit-tobba fl-isptarijiet kif ukoll l-impjegati kollha tad-Dipartiment li jdaħħlu magħhom u jaqraw waqt li ikunu fl-istess postijiet il-ġurnali

tal-opposizzjoni uffiċjali fl-Assemblea Leġislativa, fosthom il-"Voice of Malta" li tagħha r-rikorrent huwa l-editur, liema gazzetta ġiet ikkundannata b'Ċirkolari tal-Kurja Arċiverkovili tas-sitta u għoxrin ta' Mejju 1961, u li kwantu din l-Ordni ġiet tolqot il-"Voice of Malta" kisret l-artikoli 13 u 14 tal-Malta (Constitution) Order in Council, 1961, rigwardanti l-liberta ta' kuxjenza ta' espressjoni u li r-rikorrent, Dottor Anton Buttigieg, bħala membru ta' l-Assemblea Leġislativa u bħala Editur tal-"Voice of Malta", għal raġunijiet reliġjużi, kien jinsab impedut mill-intimati nomine li jagħti idejiet u tagħrif mingħajr indħil lill-pazjenti tal-isptarijiet fost nies oħra, fil-waqt li dawn kienu mpeduti li jirċevu idejjiet u tagħrif mingħajr indħil; talab li skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 16 (1) u (2) tal-Malta (Constitution) Order in Council, 1961, jiġi mogħti rimedju opportun billi jingħataw dawk l-ordnijiet u taħrikiet u jiġu mogħtija dawk id-direttivi li l-Qorti tqis xierqa, biex jiġu mwettqa u assigurati d-drittijiet tar-rikorrent għall-liberta ta' kuxjenza u ta' espressjoni li kienu ġew miksura biċ-ċirkolari fuq imsemmija.

Rat ir-risposta ta' l-intimati li ssottomettew li ċ-ċirkolari ma kellix forza ta' liġi, li ma kienitx intiża għall-pazjenti u li ma kienitx ħlief direttiva rigwardanti ċerti rapporti bejn min jaħdem u min iħaddem limitatament għall-ħinijiet u postijiet tax-xogħol fejn kellhom id-dritt kollu li jagħtu lill-impjegati dawk l-istruzzjonijiet kollha li fid-diskrezzjoni tagħhom jidhrilhom li huma opportuni u għalhekk ir-rikorrent ma kienx qiegħed jiġi mfixkel fid-dgawdija tal-liberta tiegħu ta' espressjoni billi kien għadu liberu jippubblika u jiċċirkola dawk l-idejjiet kollha li huwa jħoss u jidhirlu li għandu jippubblika u jiċċirkola.

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-ħdax

(11) ta' Marzu, 1963, li, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita tal-proċeduri laqgħet it-talba tar-rikorrent billi ddikjarat iċ-ċirkolari maħruġa mill-intimati nomine bħala tivvjola d-drittijiet ta' liberta ta' espressjoni u kuxjenza tar-rikorrent, pero iżjed lit-tieni wieħed, u li kienet illegali f'dik il-parti fejn tipprojbixxi d-dħul tal-gazzetti kkundannati mill-Awtorita Ekkleżjastika fil-postijiet hemm indikati u bħala misura biex titneħħa l-istess vjolazzjoni ddikjarat l-istess projbizzjoni bla ebda effett u li għandha tiġi ritenuta qiesa qatt ma saret u ordnat lill-intimati jġibu l-fatt għal-konjizzjoni tan-nies lil min kienet diretta ċ-ċirkolari oriġinali permezz ta' ċirkolari ġdida, firmata minn xi wieħed mill-intimati u dana fi żmien jumejn mid-data tal-pronunzjament tas-sentenza — salv kwalunkwe provvediment ieħor jekk jiġi sottomess b'rikors oppożitu li dan l-ordni ma ġiex obdut u eżegwit. Bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ġunju, 1963, li biha ġie respint il-punt preliminari rigwardanti l-irritwalita tal-proċedura kif sollevat mill-intimati u ġiet konfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ddikjarat li l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita ma kienitx aktar sollevabbli f'dak l-istadju u fuq dan il-kap ċaħdet l-appell ta' l-intimati appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom u ordnat li l-appell jitkompla fil-meritu.

Rat is-sentenza l-oħra wkoll ta' din il-Qorti ta' 10 ta' Jannar, 1964, li ċaħdet l-appell ta' l-intimati fil-meritu u kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine.

Rat il-petizzjoni ta' l-intimati li biha talbu li dina l-Qorti tatihom il-permess li jappellaw mill-imsemmija sen-

tenza ta' din il-Qorti ta' 10 ta' Jannar, 1964 lill-Kumitat tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

Rat ir-risposta ta' Dr. Buttigieg li biha oppona ruħu għall-permess mitlub.

Semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

It-talba fil-petizzjoni hi evidentement magħmula taħt section 2(b) ta' l-Ordni fil-Kunsill tat-22 ta' Novembru, 1909 kif emendat bl-Ordni fil-Kunsill tal-5 ta' Novembru, 1942, li jiddisponi li jista jsir appell lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha min sentenza ta' din il-Qorti meta, fid-diskrezzjoni tagħha l-Qorti tkun ta' fehma illi l-kwistjoni hi tali li minħabba l-importanza kbira tagħha ġenerali jew pubblika jew xort'oħra jixraq li tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Privat.

F'Każijiet li fihom kienu nvolut kwistjonijiet ġodda ta nterpretazzjoni tal-Kostituzzjoni din il-Qorti fl-imgħoddi aktarx ħassitha nklinata li tagħti l-permess għall-appell. Fil-każ preżenti ma jidherx li jista' jiġi negat illi ġew diskussi u deċiżi kwistjonijiet ta' dritt li, għall-importanza tagħhom jittraxendu l-meritu intrinsiku tal-kontraversja. Għalhekk — għalkemm si tratta ta' sentenza li fiha l-membri kollha ta' din il-Qorti kienu unanimi u li biha ġiet konfermata s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti; u, inoltre l-kwistjoni tal-meritu forsi ma tistax tiġi għal kollox astratta mill-isfond lokali — il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-permess mitlub.

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet ġa ġiet eżegwita qabel l-appell lil din il-Qorti bil-ħruġ ta' ċirkolari oħra kif ordnat minn dik il-Qorti li tħassar iċ-ċirkolari mpunjata: u Dr. Frendo għall-petizzjonanti ddikjara li huma jobbli-

gaw ruħhom li, fil-pendenza ta' l-appell lill-Privy Council, ma jagħmlu xejn li jiddisturba li "status quo" presenti: jiġifieri ċ-ċirkolari maħruġa in eżekuzzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti għandha tibqa fis-seħħ. Għalhekk m'hemm lok għal ebda provvediment ulterjuri rigward l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Kwantu għall-malliverji kontemplati fl-Order in Council, ġie ritenut illi l-Gvern hu eżenti milli jagħti dawk il-malliverji (art. 908 Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, u Kollez. Vol. XXXVII, I, 194).

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba kontenuta fil-petizzjoni u tagħti lill-petizzjonanti l-permess kondizzjonali biex jappellaw lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha mis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-għaxra (10) ta' Jannar, 1964, u tippreffiġġilhom iż-żmien ta' tliet xhur biex jipprokuraw it-tlestija u t-trasmissjoni ta' l-inkartament tal-kawża lill-Kumitat Ġudizzjarju skond is-section 4 ta' l-imsemmi Order in Council.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-provvediment dwar il-permess finali.